**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

**Illum, is-6 ta' Mejju 2025**

**IL-PULIZIJA**
(SPETTUR SARAH KATHLEEN ZERARFA)

**KONTRA**

**ABDALMAJID MOHAMMAD MOHAMMAD**
(detentur tal-passaport Taljan bin-numru MC0081788)

**IL-QORTI,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Abdalmajid Mohammad Mohammad** ta' 29 sena, bin Mohammad Hammud u Fatima imwieled fl-1 ta' Ġunju 1996 ġewwa s-Sirja u residenti ġewwa Paola, detentur tal-passaport mill-Italja numru MC0081788 u/jew dokument ta' identifikazzjoni mill-Italja numru CA45184NC u/jew permess ta' residenza mill-italja I17659277, permezz ta' liema ġie akkużat talli nhar il-5 ta' Mejju 2025, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13.30pm), ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun u / jew viċinanzi:-

1. Saq vettura ta' għamla Isuzu rreġistrata bi numru ALI-989 mingħajr liċenżja tas-sewqan;
2. Saq vettura ta' għamla Isuzu rreġistrata bi numru ALI-989 mingħajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;
3. Waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Isuzu rreġistrata bin-numru ALI-989 uża b'idu xi telefon ċellulari jew xi apparat ieħor simili li jinżamm fl-idejn, u dan waqt li l-vettura kienet miexja;
4. Saq vettura ta' għamla Isuzu rreġistrata bin-numru ALI-989 b'mod perikoluż;

5. Saq vettura ta' għamla Isuzu rreġistrata bin-numru ALI-989 bi trakuraġni;
6. Saq vettura ta' għamla Isuzu rreġistrata bin-numru ALI-989 b'nuqqas ta' kont;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenżja, permess jew awtorita' għa perjodu ta' żmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq skont l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali

In oltre, din il-Qorti, ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur tirtira il-ħames u sitt imputazzjoni ġaladarba dawn ġew dedotti bħala alternattivi għar-raba' imputazzjoni;

Semgħet lill-imputat jiddikjara u sussegwentament jerġgħa jikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha (imputazzjoni numru 1 sa imputazzjoni numru 4) miġjuba fil-konfront tiegħu u dan wara li l-Qorti tatu l-opportunita' sabiex jerġa lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spjegatlu il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-Qorti ġiet infurmata li hemm qbil bejn il-partijiet li l-piena idoneja tkun dik ta' sentenza sospiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, l-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn, tlieta u erbgħa miġjuba fil-konfront tiegħu ġew kollha ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi b'referenza għall-ħames u sitt imputazzjoni din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess ġaladarba dawn ġew irtirati mill-prosekuzzjoni;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati u l-fedina penali tiegħu.

Din il-Qorti qieset ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija, kif ukoll il-fatt li rreġistra ammissjoni quddiem il-Qorti fl-ewwel opportunita' li huwa kellu. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet ai fini tal-piena li għandha tiġi erogata.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u (b) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta; artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta; Regulation 115(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq amissjoni, qed issib lill-qua imputat, **Abdalmajid Mohammad Mohammad**, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu (imputazzjonijiet numru 1,2,3 u 4) u konsegwentament qed tikkundanah għal sena priġunerija li, a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm il-ħati ma jikkommettiex delitt ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sentejn millum.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiskwalifika lill-ħati milli jikseb liċenżja tas-sewqan għal żmien sena millum.

B'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti, qed tiċħad din it-talba ġaladarba ma ġewx maħtura esperti fil-proċeduri odjerni.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-reponsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża hawn fuq indikat.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

______________________________________

**MAĠISTRAT Dr. Elaine Rizzo BA. LL.D.**

________________________

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**